MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 821/2007

F. G. Electrics Company Limited (C16688).

Vs

Ingo u Sabine konjugi Sausmekat.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi ghamlet u esegwiet xogholijiet ta’ appalt ghall-konvenuti f’Dicembru 2006, u li tali xogholijiet saru fl-intier taghhom mis-socjeta’ attrici ghall-konvenuti; illi fil-5 ta’ Jannar 2007 sar ‘request for payment’ mis-socjeta’ attrici lill-konvenuti u dan kif jidher mid- dokument ‘A’; illi mill-ammont dovut, il-konvenuti baghtu joffru s-somma ta’ Lm120 u dan permezz ta’ cekk bin-numru 1828 mahrug mill-Bank of Valletta plc datat 9 ta’ Marzu 2007, liema cekk ma giex imsarraf mis-socjeta’ attrici; illi s-socjeta’ attrici baghtet tispjega l-pozizzjoni taghha permezz ta’ ittra

datata 4 ta’ Mejju 2007; illi s-socjeta’ attrici m’hix qed taccetta dan il-pagament ghax mhuwiex l-ammont totali dovut ghall-materjal li nxtara u ghax-xoghol li sar mis-socjeta’ attrici; illi s-socjeta’ attrici baghtet ittra ufficjali bil-procedura tal-Artikolu 166A tal-Kap 12; illi l-intimati baghtu nota fl-atti tal-ittra ufficjali; illi minhabba r-risposta tal-intimati fin-nota, s-socjeta’ attrici kellha taghmel din il-kawza, u ghalhekk il-konvenuti qed jigu mitluba biex ihallsu s-somma ta’ Lm261.07 oltre l-imghax legali mill-5 ta’ Jannar 2007, tal-materjal li nxtara u ghax-xoghol u servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lill-konvenuti. Il-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni. Bl-ispejjes inkluz dawn ta’ l-ittra ufficjali tas-7 ta’ Novembru 2007, u bl-imghax legali mill-5 ta’ Jannar 2007.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew:- 1. illi t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-ammont indikat fl-avviz ghandha tigi michuda stante illi dan l-ammont jinkludi xoghlijiet mhux maghmula jew mhux kompluti; 2. illi l-ammont dovut jammonta ghal mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) ghal liema ammont il-konvenuti hargu cekk li ma ssarrafx mis-socjeta’ attrici; 3. illi ghalhekk il-konvenuti lanqas ma ghandhom ibatu interessi jew spejjes stante li kienet is-socjeta’ attrici li ma sarfitx ic-cekk. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjes.

Sema’ x-xhieda ta’ Francis Giudice prodott mis-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xhieda ta’ Dominic Schembri prodott mis-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut Ingo Sausmekat.

Sema’ x-xhieda tal-konvenuta Sabine Sausmekat.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi permezz ta' din il-kawza, s-socjeta' attrici qed titlob minghand il-konvenuti, l-hlas tas-somma ta' Lm261.07, ghal xogholijiet li saru minnha u materjal li nxtara minnha fuq talba tal-konvenuti stess, fil-fond taghhom gewwa Faloria Court, Flat 6, Penthouse, Ghar id-Dud, Sliema. Dawn ix-xoghlijiet kollha u l-prezz taghhom jinsabu elenkati wahda wahda fid-dokument 'A' esebit mis-socjeta' attrici.

Illi d-direttur tas-socjeta' attrici, Francis Giudice xehed illi s-socjeta' attrici kienet giet inkarigata mill-konvenuti sabiex tezegwixxi xogholijiet ta' 'finishings', kif ukoll l-istallazzjoni ta' pompa tal-pressa ta' l-ilma fuq il-bejt. Huwa kkonferma illi dawn ix-xogholijiet fil-fatt kollha saru, izda meta l-kont intbaghat lill-konvenuti, dawn qabdu u baghtu cekk ghall-ammont ta' Lm120 biss, liema cekk qatt ma gie msarraf mis-socjeta' attrici, ghaliex kif spjega l-istess xhud, huwa ma kienx lest li jaccetta kwalsiasi pagament akkont, u deherlu li kellu jsir il-hlas tal-ammont kollu mitlub. Ic-cekk ghall-ammont ta' Lm120 dejjem baqa ghand is-socjeta' attrici alavolja baqa ma ssarrafx.

Francis Giudice kkonferma illi l-'cover' tal-pompa kien gie akkwistat mis-socjeta' attrici u anki twahhal mill-lavrant taghha, u in sostenn ta' dan huwa ezebixxa rcevuta ta' xiri ta' 'cover for pump' bid-data 7 ta' Dicembru 2006, kif ukoll kopja tal-'job card' tal-lavrant li attwalment ghamel ix-xogholijiet fejn jidher indikat il-'pump cover' u l-prezz tieghu.

Minn-naha tieghu, Dominic Schembri, li kien il-lavrant mqabbad mis-socjeta' attrici sabiex jesegwixxi x-xogholijiet fl-appartament tal-konvenuti, xehed illi fost xogholijiet ohra li huwa ghamel, kien wahhal pompa tal-pressa ta' l-ilma fuq il-bejt u anki wahhal il-'cover' fuq l-istess pompa. Huwa kkonferma li kien hu li mela l-'job card' esebit fl-atti u kkonferma wkoll il-kontenut tal-istess. Huwa xehed illi kien ha l-qisien tal-pompa in kwistjoni u mar jordna l-'cover' hu stess, tant hu hekk illi dan il-'cover' jidher fil-lista ta' materjal imnizzel fil-'job card. Ix-xhud

ikkonferma illi l-'cover' twahhal minnu dakinhar stess li kien ordnah u xtrah, u cioe fil-hmistax ta' Dicembru 2006.

Minn-naha tieghu mbaghad, il-konvenut Ingo Sausmekat jikkonferma illi huwa kien qabbad lis-socjeta' attrici sabiex taghmel xi 'extra works', izda wara li sar ix-xoghol, kien sorpriz meta sab xi xogholijiet imnizzlin fil-kont, li skond hu ma kienx talabhom.

L-ewwel ammont li kien qieghed jikkontesta kien l-ammont ta' Lm8 ghall-'fitting of lamps'. It-tieni ammont li gie ikkontestat minnu kien l-ammont ta' Lm15 ghall-'metal cover for pump', u dan ghaliex skond hu dan il-cover qatt ma twahhal. In oltre l-konvenut xehed illi huwa kien ftiehem fuq il-prezz ta' Lm120 ghal kull m'ghandu x'jaqsam mal-istallazzjoni tal-pompa u ghalhekk kien qieghed jikkontesta l-ammont ta' Lm38 ghal 'labour charges for fitting/connecting of pump including delivery of pump cover.' Ix-xhud ikkonferma illi c-cekk ghall-ammont ta' Lm120 qatt ma ntbaghat a saldu ta' l-ammont dovut, izda biss akkont ta' dan l-ammont, u li kien konxju tal-fatt li kien hemm xi ammonti ohra li kellhom jithallsu, u li ma kienux qed jigu kkontestati, anki meta bghat dan ic-cekk.

Skond il-konvenut, l-ammont ta' Lm96 kif jidher fid-dokument 'A', kellu jinkludi wkoll il-'labour charges' involuti fit-twahhil tal-pompa, u ghalhekk l-ammont ta' Lm38 u Lm15 huma ghal kollox ezagerati.

Meta xehedet il-konvenuta, hi ukoll qalet illi l-'cover' tal-pompa ma kenitx giet imwahhla mis-socjeta' attrici, u li dan kien gie kostatat minnha w r-ragel taghha meta telghu fuq il-bejt. Hija kkonfermat illi l-ammonti li kienu qedin jigu kkontestati kienu dawk li semma r-ragel taghha. Skond hi, eventwalment saret xi 'cover' tal-pompa li fil-verita' kienet 'computer cover' u xejn izjed minn hekk.

Illi wara li ha konjizzjoni tax-xhieda kollha u tad-dokumenti kollha, t-Tribunal josserva fl-ewwel lok, illi x-xhieda tal-konvenut m'hijiex cara u fil-fatt johorgu diversi diskrepanzi u inkonsistenzi.

Fl-ewwel lok, rigward il-'charges for fitting of lamps and checking of lights' jidher li alavolja l-konvenut jibda biex jghid illi dawn ma kienux ordnati minnu, fl-istess nifs huwa jixhed testwalment hekk:- '*I recall that Mr. Giudice did fix some lights but others were fixed by my own electrician*….' u, izjed l-isfel, '*Mr. Giudice in fact did carry out some works related to the ceiling lights and this consisted of actually putting the fittings and not simply changing the bulbs.'*

In oltre, alavolja huwa xehed illi kien ftiehem mas-socjeta' attrici illi l-prezz tal-pompa kellha tkun dik ta' Lm120, sussegwentement jghid illi l-prezz ta' Lm96 kellu jkopri kemm il-prezz tal-pompa kif ukoll l-istallazzjoni ta' l-istess. Dan ovvjament ma jaghmel l-ebda sens, u ghalhekk it-Tribunal ma jara l-ebda raguni valida ghaliex qed jigi kkontestat l-ammont ta' LM38 kif jidher fil-kont Dokument A.

Illi mbaghad fir-rigward tal-'cover' tal-pompa, milli jidher, ghall-ewwel meta rcevew il-kont, il-konvenuti jsostnu li ma kien hemm l-ebda 'cover' imwahhal, u li dan twahhal biss wara li bdiet il-kawza. Minn-naha taghha pero, x-xhieda tas-socjeta' attrici jinsistu illi din il-'cover' inxtrat, u anki twahhlet, u in sostenn ta' dan gew anki prodotti diversi dokumenti. Di piu, ma sar l-ebda kontro ezami tax-xhud Dominic Schembri, li kien proprju l-persuna li xtara u wahhal il-'cover' in kwistjoni, u ghalhekk il-versjoni tieghu tal-fatti ma gietx effettivament kontradetta. It-Tribunal m'huwiex konvint illi dan il-'cover' ma twahhalx meta intbaghat l-invoice, izda misterjuzament b'xi mod twahhal wara li bdiet il-kawza.

Fl-ahharnett pero, fir-rigward tac-cekk mibghut mill-konvenuti ghall-ammont ta' LM120, it-Tribunal jidhirlu li gjaladarba dan ma giex mibghut a saldu tal-ammont dovut, is-socjeta' attrici ma kellha ebda raguni ghalfejn ma ssarfux. Id-drittijiet taghha ghall-qbija tal-ammont dovut ma kienux jigu effettivament ippregudikati, u ghalhekk il-konvenuti m'ghandhomx ibghatu l-imghaxijiet kif qed titlob is-socjeta' attrici fuq dan l-ammont specifiku.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' sitt mija u tmien Ewro u tlettax il-centezmu (€608.13), ekwivalenti ghal Lm261.07, bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz dekorribbli biss fuq l-ammont ta' tlett mija u tmienja u ghoxrin Ewro u sittin centezmu (€328.60), (ekwivalenti ghal Lm141.07). L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------